




# Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar l-Effiċjenza Enerġetika

*Sommarju tas-Sessjoni 3*

[12-14 ta' April, 2024]











# Fi ftit kliem…

Bejn it-12 u l-14 ta’ April seħħet it-tielet u l-aħħar sessjoni tal-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar l-Effiċjenza Enerġetika li ġabret flimkien madwar 150 parteċipant minn madwar l-UE fi Brussell. Il-weekend kien iddedikat għad-dibattitu u l-finalizzazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet taċ-ċittadini.

Bis-saħħa tal-ħidma bla heda tagħhom, iċ-ċittadini adottaw 13-il rakkomandazzjoni li prinċipalment ikopru tliet suġġetti settorjali (il-bini, it-trasport, u l-infrastruttura tal-enerġija) u tliet kwistjonijiet ġenerali (il-ġustizzja soċjali, l-UE f’ekonomija globali u l-indirizzar tal-interessi ta’ atturi differenti). Wara votazzjoni, ir-rakkomandazzjonijiet finali ngħataw lil Maroš Šefčovič, Viċi President Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ewropea inkarigat mill-Patt Ekoloġiku, ir-Relazzjonijiet Interistituzzjonali u l-Prospettiva.

## X’se jiġri issa?

Ir-rakkomandazzjonijiet taċ-ċittadini mistennija jikkontribwixxu għat-tfassil ta’ inizjattivi futuri tal-Kummissjoni, b’mod partikolari proposta tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjonijiet dwar il-Prinċipju “l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel”, mistennija aktar tard fis-sena.

## Żomm kuntatt!

Se nkunu f'kuntatt magħkom ilkoll biex norganizzaw avveniment ta' feedback li matulu niddiskutu magħkom il-mod kif tqiesu r-rakkomandazzjonijiet tagħkom.

Nixtiequ wkoll inżommu kuntatt magħkom fil-futur. Għalhekk, qed nistabbilixxu network ta' alumni għall-parteċipanti tal-Panels taċ-Ċittadini Ewropej u proġetti oħra ta' involviment taċ-ċittadini Ewropej. Jekk **ma tixtieqx** tkun parti minn dan in-network, jekk jogħġbok ibagħtilna email fuq COMM-CITIZENS-PANELS@ec.europa.eu u nneħħuk mil-lista tal-indirizzi elettroniċi.

Tista' ssib għażla ta' ritratti mis-sessjonijiet tal-Panel fil-gallerija tar-ritratti tagħna hawnhekk. Ħossok liberu li taqsamhom ma' sħabek, qrabatek u man-networks soċjali tiegħek!

Id-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija tal-Kummissjoni jiċċirkola bullettin ta' kull xahar li jkopri l-aħħar aħbarijiet, avvenimenti u pubblikazzjonijiet relatati mal-enerġija. Tista' tabbona pemezz ta' din il-link.

Aktar informazzjoni dwar il-politika tal-enerġija tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web: Enerġija - Il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu)

Jew segwina fuq X (li qabel kien Twitter): (21) Energy4Europe EU (@Energy4Europe) / X (twitter.com)

Id-dibattitu online dwar l-effiċjenza enerġetika għadu miftuħ fuq il-Pjattaforma tal-Involviment taċ-Ċittadini. Kun ċert li tiċċekkjah u aqsam l-impressjonijiet tiegħek tad-diskussjonijiet tal-Panel ma' ċittadini minn madwar l-UE.

# X'nistgħu nitgħallmu minn din l-aħħar sessjoni?

## Jum 1: Ġabra tas-sessjoni preċedenti, feedback mill-Kumitat tal-Għarfien, u tħejjija tal-gruppi ta' ħidma

Nhar il-Ġimgħa, iċ-ċittadini ltaqgħu fil-plenarja biex jiddiskutu mal-membri tal-Kumitat tal-Għarfien, u jirritornaw għall-mistoqsija dwar il-mandat, **"L-UE kif tista' tipprijoritizza l-Effiċjenza Enerġetika u twassal il-benefiċċji kollha tagħha liċ-ċittadini, lill-awtoritajiet pubbliċi u lill-intrapriżi?"**.

Fil-bidu tas-sessjoni, Paula Pinho, **id-Direttur għat-Tranżizzjoni Ġusta, il-Konsumaturi, is-Sigurtà tal-Enerġija, l-Effiċjenza u l-Innovazzjoni, fid-DĠ ENERĠIJA,** ipprovdiet feedback dwar l-abbozzi tar-rakkomandazzjonijiet żviluppati miċ-ċittadini, fejn ġie enfasizzat li l-effiċjenza enerġetika titqiegħed qabel kollox. Fi kliemha: *"Dan il-Panel taċ-Ċittadini Ewropej ħadna fuq vjaġġ impressjonanti; ma kienx esperjenza ġdida għalik biss, iżda għalina wkoll. Il-possibbiltà li jinkiseb kontribut dirett miċ-ċittadini dwar il-politika tal-UE dwar l-effiċjenza enerġetika kienet waħda mixtieqa kif ukoll intuwittiva. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħek jiffukaw fuq temi li rridu nsolvu: il-prezzijiet tal-enerġija, il-ġustizzja soċjali, il-komunitajiet tal-enerġija, u t-trasport.Fl-istess ħin, ġibt perspettiva ġdida u rifreskanti."*

Il-Membri tal-Kumitat tal-Għarfien imbagħad ikkummentaw dwar l-abbozz ta' rakkomandazzjonijiet:

**Reinhard Six, Konsulent Indipendenti u espert dwar il-finanzjament tal-effiċjenza enerġetika:** *"Meta nitkellmu dwar il-primazija tal-effiċjenza enerġetika, jeħtieġ li ninvestu f'oqsma li jnaqqsu l-konsum tal-enerġija. Kif jista' dan kollu jiġi ffinanzjat b'mod li jrendi qligħ għall-investituri (sidien tal-proprjetà, awtoritajiet pubbliċi, kumpaniji)?"*

**Arianna Vitali, Segretarju Ġenerali, Il-Koalizzjoni għat-Tfaddil tal-Enerġija:** *"Hemm żewġ rakkomandazzjonijiet fil-qasam tat-trasport. L-enerġija għat-trasport tirrappreżenta 30 % tal-enerġija kkunsmata fl-Ewropa. L-għażliet ta' mobbiltà tagħna għandhom influwenza diretta fuq il-konsum tal-enerġija tagħna, jeħtieġ li nkunu ċerti li nipprijoritizzaw it-trasport elettriku pubbliku u privat."*

**Robert Nuij, Viċi Kap tal-Unità għall-Politika u l-Finanzjament tal-Effiċjenza Enerġetika, DĠ ENER,** *"Għadd konsiderevoli rakkomandazzjonijiet jiffukaw fuq il-livell lokali, pereżempju fuq il-komunitajiet tal-enerġija, u dan huwa siewi ħafna peress li tana għarfien dirett dwar l-esperjenzi tan-nies "fuq il-post"."*

Waranofsinhar, iċ-ċittadini nqasmu f'żewġ sottoplenarji biex jiddiskutu l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet u jiskambjaw ir-riflessjonijiet.

## Jum 2: Finalizzazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet



Is-Sibt, iċ-ċittadini ħadmu fi 12-il grupp biex jiffinalizzaw ir-rakkomandazzjonijiet tagħhom. Is-sessjoni bdiet b'diskussjoni dwar is-sessjonijiet tal-Ġimgħa u stabbiliet il-punti ewlenin għall-kumplament tal-ġurnata. Kull grupp ħatar "ambaxxatur" biex jippreżenta l-eżitu tad-diskussjonijiet inizjali dwar ir-rakkomandazzjonijiet tal-grupp, u jorbothom ma' abbozz simili jew relatat.

Matul it-tieni parti tas-sessjoni, il-parteċipanti indirizzaw il-mistoqsijiet ewlenin meħtieġa biex jiġu ffinalizzati r-rakkomandazzjonijiet tagħhom:

- *Għaliex din ir-rakkomandazzjoni hija importanti għalik?*
- *Ma' liema kompromessi lest tgħix?*
- *Kif tikkontribwixxi għall-effiċjenza enerġetika u kif tista' tgħin biex il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" jiġi integrat fit-teħid ta' deċiżjonijiet?*
- *X'se jinbidel fl-Ewropa jekk din ir-rakkomandazzjoni tiġi implimentata?*



- *X'inhuma l-bidliet għal ħajtek u għall-ħajja tal-komunità tiegħek?*

Il-membri tal-Kumitat tal-Għarfien kienu disponibbli biex iwieġbu għall-inċertezzi li fadal fil-forma ta' mistoqsijiet bil-miktub, jew wiċċ imb'wiċċ. Tmiem il-jum iffoka fuq l-irfinar tat-test prinċipali tar-rakkomandazzjonijiet (titolu,

spjegazzjoni, ġustifikazzjoni) biex jiġu żgurati ċ-ċarezza u l-preċiżjoni. Il-faċilitaturi żguraw kunsens fi ħdan il-gruppi.





### Jum 3: Preżentazzjoni u votazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet finali

Il-Ħadd, iċ-ċittadini reġgħu lura fil-plenarja biex jippreżentaw u jivvutaw fuq it-13-il rakkomandazzjoni finali. Iċ-ċittadini vvutaw fuq kull rakkomandazzjoni bl-użu ta' skala minn 1 sa 6 biex jesprimu s-saħħa tal-appoġġ tagħhom.

Il-voti ġew magħduda fil-preżenza ta' ċittadini osservaturi biex tiġi żgurata t-trasparenza. Dawn ġew ippreżentati personalment mill-iktar membru tal-bord avvanzat fl-età, Antanas, u l-iżgħar membru tal-bord, Martina, lill-**Viċi President Eżekuttiv Maroš Šefčovič**.

**Il-Viċi President Eżekuttiv Maroš Šefčovič** irringrazzja lill-150 ċittadin għall-parteċipazzjoni, id-dedikazzjoni u x-xogħol bla heda tagħhom **minn Frar**.

Biex jikkonkludi dan il-Panel taċ-Ċittadini Ewropej, **Richard Kuehnel**, **id-Direttur għar-Rappreżentazzjonijiet u l-Komunikazzjoni fl-Istati Membri fil-Kummissjoni Ewropea (DĠ COMM),** irringrazzja liċ-ċittadini għall-involviment u d-dedikazzjoni tagħhom matul dawn it-tliet sessjonijiet, *"Il-kollegi tiegħi fid-DĠ ENER baqgħu impressjonati mill-ħidma tagħkom, u r-rakkomandazzjonijiet tagħkom, li huma ffukati ħafna. Intom sirtu esperti kemm fl-enerġija, kif ukoll fid-demokrazija. Aħna se nippubblikaw rapport biex inwieġbu għar-rakkomandazzjonijiet tagħkom, u se nżommu kuntatt magħkom."*

## Aġenda tas-Sessjoni 3

| JUM 01 | |
|---|---|
| 14:30 - 15:10 | Diskors ta' merħba mid-DĠ ENER (Paula Pinho) u DĠ COMM u ħarsa lura lejn is-Sessjoni 2 |
| 15:10 - 16:20 | Plenarja: L-allinjament tal-abbozz ta' rakkomandazzjonijiet mal-Prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel": Diskussjoni |
| 16: 50 - 18:25 | Sottoplenarja 1 (kamra Gasperi): Feedback dwar ir-rakkomandazzjonijiet 1-6 mill-Kumitat tal-Għarfien u diskussjoni.<br><br>Sottoplenarja 2 (kamra Mansholt): Feedback dwar ir-rakkomandazzjonijiet 7-12 mill-Kumitat tal-Għarfien u diskussjoni. |

| | |
|---|---|
| **18:25 - 18:30** | Prospetti (fis-sottoplenarji) |
| **JUM 02** | |
| **9:00 - 10:30** | L-ewwel Parti tal-Ħidma: Input ta' pproċessar mill-Ġimgħa + jingħata feedback għar-rakkomandazzjonijiet ta' gruppi oħra |
| **11:00 - 12:30** | It-tieni Parti tal-Ħidma: Deliberazzjoni biex jiġu approfonditi r-rakkomandazzjonijiet |
| **14:00 - 15:30** | It-tielet Parti tal-Ħidma: Jingħata feedback għar-rakkomandazzjoni ta' grupp ieħor (30'), jintbagħat ambaxxatur lil grupp ieħor għal Q &A (15'), editjar tar-rakkomandazzjonijiet proprji (45') |
| **16:00 - 17:30** | Ir-raba' Parti tal-Ħidma: Editjar finali tar-rakkomandazzjonijiet<br>Feedback u prospetti dwar il-Ħadd |
| **JUM 03** | |
| **9:30 - 9:50** | Enerġizzatur u merħba lura<br>Interventi miċ-ċittadini li josservaw iċ-Ċentru ta' Informazzjoni dwar l-Għarfien |
| **9:50 - 11:20** | Preżentazzjoni u diskussjoni tar-rakkomandazzjonijiet 1-8<br>Valutazzjoni kollettiva tar-rakkomandazzjonijiet 1-8 |
| **11:50 - 12:30** | Preżentazzjoni u diskussjoni tar-rakkomandazzjonijiet 9-12<br>Valutazzjoni kollettiva tar-rakkomandazzjonijiet 9-12 |
| **12:30 - 12:45** | Merħba lill-Viċi President Eżekuttiv Maroš Šefčovič: Intervista qasira<br>Ritratt tal-grupp mal-Viċi President Eżekuttiv Maroš Šefčovič |
| **12:45**<br>**13:20** | Riżultati tal-votazzjoni fil-preżenza tal-Viċi President Eżekuttiv Maroš Šefčovič |
| **13:20** | Tislima mid-DĠ COMM (Richard Kuehnel) u t-Tim tal-Moderazzjoni |

| | |
|---|---|
| **13:30** | |

Ikklikkja hawn biex tara r-reġistrazzjoni tas-sessjoni plenarja tal-

Ikklikkja hawn biex tara r-reġistrazzjoni tas-sessjoni plenarja tal-

# Interventi matul il-plenarja

**Jan Rosenow,** *Direttur tal-Programmi Ewropej, Proġett ta' Assistenza Regolatorja*

**Robert Nuij,** *Viċi Kap tal-Unità għall-Politika dwar l-Effiċjenza Enerġetika u l-Finanzjament, DĠ ENERĠIJA*

**Pierre Schellekens**, *Direttur, Strateġija u Koordinazzjoni tal-Politika tal-Enerġija, DĠ ENERĠIJA*

**Arianna Vitali Roscini,** *Segretarju Ġenerali, Il-Koalizzjoni għat-Tfaddil tal-Enerġija*

**Camille Defard,** *Kap taċ-Ċentru tal-Enerġija Jacques Delors*

**Reinhard Six,** *Konsulent indipendenti dwar il-finanzjament tal-effiċjenza enerġetika Espert dwar il-finanzjament tal-Effiċjenza Enerġetika*

# Il-punti ewlenin tagħkom tal-Panel

**Anthony, Malta,** *"L-iktar parti interessanti għalija kienet li niltaqa' ma' nies mill-Ewropa kollha għax titgħallem ħafna minn ħaddieħor. Kienet ukoll l-ewwel darba li rajt lill-UE verament tilħaq liċ-ċittadini. Kienet esperjenza sabiħa ħafna."*

**Isabel, il-Portugall,** *"Naħseb li l-aktar mument importanti kien l-ewwel sessjoni plenarja, din kien fantastika, stajt nirrealizza li s-27 pajjiż ingħaqdu mill-ġdid biex jaħdmu fuq suġġett. Kien eżerċizzju reali ta' demokrazija parteċipattiva, u verament għoġobni."*

**Lora, il-Belġju,** *"Jekk hemm mument li se nibqa' niftakar ikollu jkun l-ewwel Sibt matul il-gruppi ta' ħidma fejn qsamna l-ispeċifiċitajiet u s-similaritajiet tal-pajjiżi tagħna dwar l-effiċjenza enerġetika, kien tassew interessanti".*

**Paul, Franza,** *"Spunt wieħed li se nibqa' niftakar matul dan il-Panel huwa d-diversità tal-kultura u r-rikkezza tal-interventi. Tgħallimt ħafna dwar pajjiżi differenti, u kienet esperjenza sabiħa ferm."*

**Felipe, Spanja,** *"Din kienet l-ewwel esperjenza tiegħi barra minn pajjiżi, l-ewwel darba li qbadt ajruplan f'ħajti. Kien ta' sodisfazzjon kbir niltaqa' ma' nies minn Spanja u mill-Ewropa kollha. Ninsab grat ħafna għal din l-opportunità."*

**Christophe, l-Awstrija,** *"Minkejja d-differenzi fl-opinjoni tagħna, irnexxielna naħdmu flimkien u nilħqu ftehim. Kulħadd kien involut u tgħallimt ħafna dwar it-tema tal-effiċjenza enerġetika."*

# Tagħrif ewlieni dwar il-Pjattaforma għall-Involviment taċ-Ċittadini

**150 kontribuzzjoni** **43 951 Viżitatur** **83 548 Viżwalizzazzjoni tal-paġna**

**782 Kont** **124 Kumment** **201 Approvazzjoni**

**[Agħti ħarsa lejn il-Pjattaforma għall-Involviment taċ-Ċittadini]**

## Il-weekend mil-lenti tar-reġistratur grafiku tagħna, Sylvain Mazas

Għat-Tielet Sessjoni, Sylvain Mazars ippreżenta r-rakkomandazzjonijiet finali permezz tal-grafika. Hawn taħt hawn ħarsa lejn xogħlu, li juri kif qabad il-proċedimenti tal-plenarja b'mod viżwalment attraenti, u b'hekk saħħaħ ħafna d-dinamika tas-sessjoni.












# It-13-il Rakkomandazzjoni Finali

Dawn huma t-tlettax-il rakkomandazzjoni finali li ppreżentajtu lill-Kummissjoni Ewropea. Bħalissa, dawn jinstabu bl-Ingliż biss. Se nżommukom aġġornati dwar meta jkunu disponibbli traduzzjonijiet bil-lingwi kollha.